MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Numru. 582/2003

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
BRIAN SCIBERRAS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Sciberras sive Gwardarobbi, ta' 27 sena, bin il-mejjet Saviour u Mary nee' Mercieca, imwieled Pieta' fit-28 ta' Mejju 1976, li joqghod fil-fond numru 107, Maria Grazia, Triq Nazzarenu, Paola, u detentur tal-karta tal-identita' numru 291076(M), u akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju 2003, ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, minn vettura tal-ghamla Kia, mudell Ceres pick-up, ta' lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni BBL016, li kienet tinstab parkeggjata fi Triq ic-Cimiterju, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' chaser tal-ghamla Wolf, mudell 4397, bin-numru tas-serje 518A, liema chaser jiswa' sebghin lira Maltin (Lm70). Fl-istess data, lok u hin ikkommetta serq ta' driller tal-ghamla

Narex, mudell EVP 16-2S u bin-numru tas-serje 001723, liema driller jiswa’ tmenin lira Maltin (Lm80). Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll serq ta’ chain saw tal-ghamla Comer, mudell E20 u bin-numru tas-serje 176553, liema chain saw jiswa’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), ghad-detriment ta’ John Mary Agius minn Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikli 263, 267, 269(g), 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura tal-ghamla Kia, mudell Ceres pick-up, ta’ lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni BBL016, li kienet tinsab parkeggjata fi Triq ic-Cimiterju, Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad-detriment ta’ Anthony Debono minn Hal Qormi, fi hdan il-Kumpanija Shantys Construction Ltd, u dan bi ksur tal-Artiklu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, fil-pussess tieghu kellu oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq u dan bi ksur tal-Artiklu 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita’ bil-ligi, tapplika wkoll l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawk il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-ewwel u t-tieni akkuza, u wara li rat Artikli

261, 263, 264, 267, 269(g), 270, 271, 325(b), 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sittax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat, fil-mori tal-kawza, irnexxielu jibda’ u jispicca programm ta’ rijabilitazzjoni kontra d-drogi u dan minkejja ta’ diffikultajiet kbar fil-hajja personali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------